Nru. 1937


TISMIJA TA' TOROQ F'MALTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.10, il-Prim Ministru ordna t-tismija tat-toroq kif speċifikat u indikat hawn taħt.

No. 1937

NAMING OF STREETS IN MALTA

IN exercise of the powers conferred by Subsidiary Legislation 363.10, the Prime Minister has directed the naming of the streets as specified and indicated hereunder.



IL-MARSA

Triq mingħajr isem uffiċjali li tibda k/m Triq Ġużè Gatt u tasal sa Pont il-Ħelsien, imsemmi f'din in-notifikazzjoni, u Triq il-Gvern Lokali, immarkata bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma……..

TRIQ IT-30 TA' APRIL, 1921
L-EWWEL GVERN NAZZJONALI AWTONOMU RESPONSABBLI

Pont mingħajr isem uffiċjali li jibda minn Pont ir-Repubblika, imsemmi f'din in-notifikazzjoni, u jasal sa Triq Giuseppe Garibaldi, immarkat bin-numru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma……

PONT IL-ĦELSIEN
31 TA' MARZU

Pont mingħajr isem uffiċjali li jibda minn Triq Giuseppe Garibaldi u jasal sa Pont l-1 ta' Mejju, imsemmi f'din in-notifikazzjoni, u mmarkat bin-numru 3 fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma……..……..…

PONT L-INDIPENDENZA
21 TA' SETTEMBRU

Triq mingħajr isem uffiċjali li tibda minn Triq Aldo Moro, Il-Marsa u tasal sa Vjal Sir Paul Boffa, Paola, immarkata bin-numru 4 fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma……..……....

TRIQ IŻ-ŻEWĠ ASSEDJI
1565, 1940 – 1943

IL-MARSA/PAOLA

Pont mingħajr isem uffiċjali li jibda minn Vjal Santa Luċija, Paola u jasal sa Triq Aldo Moro, Il-Marsa, immarkat bin-numru 5 fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma……..……...

PONT L-1 TA' MEJJU
JUM IL-ĦADDIEM U D-DĦUL TA' MALTA FL-UNJONI EWROPEA

Pont mingħajr isem uffiċjali li jibda minn Triq Aldo Moro, Il-Marsa u jasal sa Vjal Santa Luċija, Paola, immarkat bin-numru 6 fuq il-mappa hawn riprodotta, jissemma……...

PONT IR-REPUBBLIKA
13 TA' DIĊEMBRU

PAOLA

Triq mingħajr isem uffiċjali li tibda minn Pont l-1 ta' Mejju, imsemmi f'din in-notifikazzjoni, u tasal sa Triq l-10 ta' Frar, imsemmija f'din in-notifikazzjoni, u mmarkata bin-numru 7 fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma……...

TRIQ IS-7 TA' ĠUNJU, 1919

Triq mingħajr isem uffiċjali li tibda k/m Vjal Sir Paul Boffa u tasal sa Triq l-Arkata, immarkata bin-numru 8 fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma……..…

TRIQ IT-8 TA' SETTEMBRU
IL-VITORJA TMIEM IŻ-ŻEWĠ ASSEDJI

Triq mingħajr isem uffiċjali li tibda minn Vjal Sir Paul Boffa u tasal sa Pont il-Ħelsien, Il-Marsa, imsemmi f'din in-notifikazzjoni, u mmarkata bin-numru 9 fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma……..

TRIQ L-10 TA' FRAR
NAWFRAĠJU TA' SAN PAWL MADWAR IS-SENA 60 W.K.

Il-5 ta' Diċembru, 2025

Nru. 1938

AKKWIST TA' ART

Emenda

NGĦARRFU b'din illi b'referenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1921, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,549 tal-4 ta' Diċembru, 2025, f'paġna 16,102, il-

5th December, 2025

Nru. 1938

ACQUISITION OF LAND

Amendment

IT is hereby notified that, with reference to Government Notice No. 1921, published in Government Gazette No. 21,549 of the 4th December, 2025, on page 16,102, the